*Appprezzament*

# MRO NAZZARENO MIFSUD L. (MUS.) L.C.M., F.L.C.M. 1928 - 1998



Nazzareno Mifsud twieled iż-Żurrieq fil-15 ta'Awissu 1928 minn Giovanni u Ursola née Polidano. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina mill-Arċipriet Giovanni Battista Ghigo fid-19 ta' Awissu 1928 u mogħti l-ismijiet ta' Nazzareno, Carmelo u Andrea. Huwa kien ir-raba' wieħed fost sebat aħwa.

Nazzareno ħa l-edukazzjoni reliġjuża tiegħu mill-M.U.S.E.U.M. Huwa attenda l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' raħal twelidu u kompla jistudja fil-Kulleġġ De La Salle, il-Kottonera. Nazzareno beda jitgħallem il-mużika fil-Każin tal-Banda "Santa Katarina" għand is-Surmast Espedito Deguara A. (Mus.) L.C.M. u ħareġ idoqq il-klarinett ma' l-istess banda. Huwa kien il-klarinett solista għal xi żmien, u bejn is-snin 1949 u 1952 ġie magħżul bħala Ass. Surmast.

Fil-31 ta' Lulju 1949 Nazzareno żżewweġ lil Carmela née Callus mill-Qrendi u kellhom ħames ulied li huma Dr Joe, Sally, Miriam, John u Annette.

Huwa kompla jipperfezzjona l-istudju tal-klarinett għand is-Sur Manwel Debattista, u beda l-istudju tal-pjanu, teorija u armonija għand is-Surmast Joseph Casa Pinta L. (Mus.) L.C.M., F.L.C.M. fejn ħa l-ewwel Diploma ta'A. Mus. L.C.M. fil-31 ta' Diċembru 1955. Peress li Mro Casa Pinta kien emigra lejn il-Kanada, Nazzareno kompla l-istudju fil-kontra punt u fuga għand is-Surmast Carmelo Pace L.R.S.M., F.L.C.M. fejn ħa d-Diplomi ta' L. (Mus.)L.C.M. fis-17 ta' Lulju 1965 u F.L.C.M. fl-4 ta'Awissu 1967.

Fis-sena 1958 Mro Nazzareno Mifsud beda bħala Ass. Surmast tal-Banda "San Gejtanu" tal-Ħamrun. Fl-1973 huwa ġie maħtur Surmast Direttur ta' din il-Banda fejn baqa' sas-sena 1985. Dawn huma kompożizzjonijiet tas-Surmast Mifsud li ndaqqu mill-Banda "San Gejtanu" taħt id-direzzjoni tiegħu. Sinfonia '75th Anniversary'; Marċi brijużi - St. Cajetan 1963, Thiene Palace, My Silver Jubilee, Providence, Blue Cave, San Gejtanu 1971, Vincent, London, Providenza, Spartans, Lentini, Standard Aħmar, Lorraine, Toninu, Ċentinarju 1875-1975, Marlene, Rizzo, Faith Hope & Charity, Maria Dolores, il-President, Mary, Summer Holiday, O X'Festa Kbira, Dorothy, Tonina, Consuela, Stephania, 7 ta'Awissu 1983 u Gaetan Arrows.

F'Awissu 1964 Mro Carmelo Scicluna, li kien ilu jokkupa l-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda Lourdes għal madwar sbatax-il sena, irriżenja minn Surmast Direttur, u l-Kumitat, f'Seduta li nżammet il-Ħamis 13 ta' Awissu 1964 ħatru Surmast Onorarju tal-Banda. Peress li dak iż-żmien l-Assistent Surmast tal-Banda Lourdes kien Nazzareno Mifsud, il-Kumitat offra l-kariga ta' Surmast Direttur lilu u ġie konfermat fis-Seduta li nżammet il-Ġimgħa 21 ta' Awissu 1964.

L-ewwel dehra pubblika tas-Surmast Nazzareno Mifsud kien eżatt xahar wara fil-Festi ta' l-Indipendenza meta l-Banda Lourdes esegwiet marċ mat-toroq prinċipali tal-Qrendi, il-Ħadd 20 ta' Settembru 1964. Hu kkompona bosta marċi brijużi, fosthom ta' min isemmi 'Focker', 'Mancy', 'John', 'Il-Festa tal-Qrendin', 'Sandro', 'Il-Festa Tagħna', u l-Innu Marċ li għadu jindaqq sa llum.

Fl-1968 fil-Qrendi kienu saru festi kbar sabiex jitfakkar għeluq it-350 Anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Qrendi. Il-Banda Lourdes, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Nazzareno Mifsud, kienet esegwiet Programm Vokali/ Strumentali mill-isbaħ, il-Ħadd 11 ta' Frar 1968. Dak inhar għall-ewwel darba ndaqq l-Innu tal-Qrendi, kompożizzjoni ta' Mro Nazzareno Mifsud innifsu, fuq versi tas-Sur Paul Zammit. Ta' min isemmi wkoll li l-Ħadd 18 ta' Frar 1968, bħala għeluq ta' dawn il-festi, kienet inżammet Akkademja Mużiko Letterarja, taħt il-presidenza ta' E.T. Mons. Emmanuel Gerada fis-sala ta' l-iskola. Il-Kor tal-Qrendi kien taħt it-tmexxija ta' Mro Nazzareno Mifsud. Fost il-mużika li ġiet esegwita f'din l-Akkademja nsibu tliet kanzunetti, kompożizzjoni ta' Mro Nazzareno Mifsud: 'Amore Mio', 'Questo Mio Cuor' u 'Se tu Vieni Con Me'.

Fil-Festi Ċentinarji tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes, fl-1978, il-Banda Lourdes, taħt id-direzzjoni ta' Mro Nazzareno Mifsud, kienet esegwiet Programm Vokali/Strumentali mill-aqwa, fejn kienu pparteċipaw is-Sopran Miriam Gauci u t-Tenur Joe Farrugia. Għall-ewwel darba f'dan il-Programm Vokali/Strumentali ndaqqet Rondo Solo għall-Flawt u l-Banda, li Mro Nazzareno Mifsud ikkompona għal din l-okkażjoni speċjali, fejn is-solista tal-flawt kienet Laura Falzon, illum flawtista internazzjonali. Fost in-nies distinti li attendew għal din is-serata kommemorattiva, kienu preżenti l-E.T. Dr Anton Buttigieg, President ta' Malta u l-E.T. Mons. Arċisqof Giuseppe Mercieca.

Bejn is-snin 1981 u 1986 Mro Nazzareno Mifsud idderieġa lill-Banda 'Santa Venera' ta' Santa Venera.

Huwa kiteb dawn il-marċi brijużi għall-istess Banda u ġew esegwiti taħt it-tmexxija tiegħu: Luisann, Santa Venera 1985, Carmen u Pax.

Mro Nazzareno Mifsud kien Surmast Direttur tal-Banda 'Stella Maris' ta' Tas-Sliema mill-1984 sa l-1994. Matul dawn is-snin huwa kkompona l-parti l-kbira ta' dawn il-kompożizzjonijiet, u ndaqqu mill-istess Banda diretta minnu. Mużika klassika - Overture 'Alpha', Tone Poem 'Malta', u Kapriċċ għall-Klarinett; Marċi brijużi - Ta' Ganozz, 75th Anniversary, Festi Kbar, Dun Victor, Il-Matriċi, Ta' l-Armar, Il-President il-Ġdid, Triganz March u Joe/Dennis. Meta s-Surmast Mifsud lesta l-Overture 'Alpha' fit-3 ta' Ottubru 1963, huwa kiteb fuq l-ispartit introduzzjoni fejn iddeskriva din il-kompożizzjoni. Huwa qal li l-istil huwa tradizzjonali tad-19-il seklu, u li kienet l-ewwel xogħol importanti tal-kompożitur.

Is-Surmast Nazzareno Mifsud baqa' dejjem marbut mal-Banda 'Santa Katarina' fejn kien beda bħala Ass. Surmast. Dawn huma l-marċi brijużi li ġew miktuba minnu u li ndaqqu minn din il-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmastrijiet Espedito Deguara A.(Mus.) L.C.M., u Francis Falzon L.(Mus.) L.C.M., L.R.S.M.: Queen Elizabeth II, Carmen, Mt Sinai, Ġebel Katarin, Natu, Ta' Manini, Toronto, Patruna taż-Żrieraq, Roberta, Daniel, Karl, Dorothy, Mro Luigi Carabott - L-Ewwel Surmast Direttur u Nigel. Mro Mifsud ikkompona wkoll l-Innu Uffiċjali tal-General Workers' Union f'għeluq l-40 sena mit-twaqqif tagħha, u ġie mogħti Diploma. Huwa kien jgħallem il-pjanu lil ħafna studenti.

Nhar is-Sibt, 28 ta' Frar 1998 tħabbret il-mewt tas-Surmast Mifsud li ġrat fl-Isptar Zammit Clapp, San Ġiljan fl-età ta' 69 sena. Il-funeral sar il-Ħadd 1 ta' Marzu 1998 għall-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq. Wara l-katavru mxew il-familjari, ħbieb u rappreżentanza mill-Każini tal-Baned 'Santa Katarina' taż-Żurrieq, 'Lourdes' tal-Qrendi, 'San Gejtanu' tal-Ħamrun, 'Stella Maris' ta' Tas-Sliema u 'Santa Venera' ta' Santa Venera. Fil-knisja ġiet iċċelebrata Quddiesa kantata bil-vuċijiet immexxija mill-organista Dun Mikiel D'Amato A. (Mus.) L.C.M., L.R.S.M. Il-konċelebranti kienu l-Arċipriet Dun Karm Farrugia li għamel Omelija, il-Kappillan Dun Karm Camilleri, Dun Manwel Agius, Dun Noel Camilleri, Dun Manwel Caruana u Patri Albert Micallef O.F.M. Kif intemmet il-Quddiesa, il-katavru twassal saċ-Ċimiterju ta' San Nikola tal-Qrendi u ġie midfun fil-qabar tal-familja.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

**N.B.** Dan it-tagħrif ġie miġbur minn: **Joe Magro, Viċi President tal-Banda 'Lourdes' - Qrendi**; Lino Zahra, Segretarju tal-Banda 'Stella Maris' - Sliema; Carmelo Mifsud, Segretarju tal-Banda 'Santa Venera' - Santa Venera; Karmenu Zerafa, President Onorarju tal-Banda 'Santa Katarina' - Żurrieq; u Horace Muscat, President Onorarju tal-Banda San Gejtanu, Ħamrun.


# DUN AUTO DEALER

Cash for your car
Large Stock of new and second hand cars
Hire purchase terms/part exchange available

**Michael Bonello**
*Sales Manager*
Res: 499140

Testaferrata Street
Msida — Malta
Tel: 313680

# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

**"Cor Jesus" Triq il-Bronja, Żurrieq • Tel: 649621, 676252**

**Specialists in arrangements of fresh and artificial flowers for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories for all occasions at moderate prices.**